MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 520/2004

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**vs**

**Emanuel u Connie konjugi Pace u Leone u Grace konjugi Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf u erbgha u hamsin u sittin lira Maltija (Lm1465.00) jew somma ohra verjuri stabbilita mit-Tribunal rapprezentanti arretrati ta' kera gravanti l-fond minghajr numru bl-isem Fone Zone, f'Constitution Street, Mosta, u dan ghall-perjodu mill-1 ta' Settembru, 2003 sad-29 ta' Frar, 2004, u dan bir-rata ta' tmien liri Maltin (Lm8.00) kuljum.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tas-16 ta’ April, 2004, deher il-konvenut Emmanuel Pace li iddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-16 ta’ April, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenuti konjugi Ciantar. Ra li l-konvenuti konjugi Ciantar baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta’ Oscar Mizzi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi din il-kawza qed issir ghall-hlas ta’ kera fuq il-fond “Fone Zone”, Constitution Street, Mosta, u dana bir-rata ta’ tmien liri kuljum u dan ghall-perjodu mill-1 ta’ Settembru, 2003 sad-29 ta’ Frar, 2004, u dana jirrizulta mill-iskrittura esebita Dok.A.**

**2. Skond ma xehed l-istess attur Oscar Mizzi: “Minn dan il-bilanc li qed nitlob, il-konvenuti ma hallsu xejn u l-ammont huwa dovut sija minn Pace kif ukoll minn Ciantar.” Ma ngiebu ebda provi biex jirribattu dak li qed jghid l-attur, u ghaldaqstant it-talba tirrizulta pruvata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal qed jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill- atturi s-somma ta’ elf u erbgha u hamsin u sittin lira Maltija (Lm1465.00), bl-imghax legali mill-25 ta’ Marzu, 2004, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------